**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Seduta Distrett**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum**: 21 ta' Lulju, 2023

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Tarcisio Cremona, iben Angelo u Catherine nee Grech, imwieled fit-18 ta' Mejju 1951 u residenti 3, Triq tas-Srug, Xagħra, detentur tal-Karta tal-Identità numru 39051G (Formall Tiles, Triq Pawlu Portelli, Victoria)**

***Distrett: 693/2016***

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Tarcisio Cremona u cioe` talli:

> Fil-ġranet ta' qabel is-6 t'Awissu 2016 għal ħabta tat-3.50PM ġewwa Triq it-Tiġrija, Sqaq F1, Xagħra, Għawdex
>
> 1. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn, jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Maria Rita u Saviour Sultana fil-pussess ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

2. Rema', tefa' jew xort'oħra ddepożita f'post, jew ġewwa post, jew minn xi post fil-beraħ, li l-pubbliku għandu dritt li jidħol fih mingħajr ħlas, u/jew ħalla xi ħaġa tkun li tkun, f'ċirkostanzi tali li kkaġuna, ikkontribwixxa jew seta' twassal għall-istkerrih ta' xi post fil-beraħ b'dan l-iskart u żibel jew għamel dan kollu meta ma kienx awtorizzat bil-liġi.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Preliminari**

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-25 ta' April, 2023 "Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti.[1] L-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret nhar il-5 ta' Mejju, 2023.

Ikkunsidrat:

L-elementi sostantivi ta' dan ir-reat ġew kunsidrati fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela:**[2]

> Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:
>
> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".
>
> Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioe:
>
> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc.,

[1] Fol.45-46

[2] 13.10.2014 per Onor Maġistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia,** Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar,** 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G.,** Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).

Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[3]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana** qalet hekk:[4]

"...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien **fil-pussess tagħha** qabel dak l-att spoljattiv......

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:

**"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli**.

**L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**[5]"....

"Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[6]"[emfazi tal-Qorti]

---

[3] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru, 1996.
[4] Deċ. 30.11.2016 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima
[5] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App. Inf.
[6] Appell Kriminali **il-Pulizija vs Mario Bezzina** deċ 26/05/2004

Issir riferenza wkoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**[7]

> Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tiegħu fir-rigward li :-
>
> "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-
>
> a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
> b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .
>
> Illi kif dejjem ġie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija tagħha.
>
> Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li **jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess** tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850) :-
>
> "L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale . [emfazi tal-Qorti]

Ikkunsidrat:

Issa fil-każ in deżamina ġie sodisfaċentament pruvat li dak li qed jiġi riferut bħala l-ħajt mibni b'ġebel tas-sejjieħ li wara li nħatt mis-Sinjuri Sultana, reġa' tpoġġa f'postu din id-darba bi knaten tal-ġebel, kien jifforma parti mill-proprjeta' tal-imputat. Ħadd għajru ma kellu l-pussess ta' dak il-ħajt. Sultana ma kienu qed igawdu l-ebda dritt fuq dak il-ħajt. Anzi dak li reġa' bena Cremona bnih ġo ħwejġu u bi ħwejġu. Konsegwentement Cremona ma

[7] Onor Imħallef Dr Joseph Galea Debono; Deċ.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.

impedixxa bl-ebda mod lill-koppja Sultana minn xi dritt li kienu qed igawdu. Saviour Sultana stess fix-xhieda tiegħu jikkonferma li l-ħajt kien iservi biex jifred il-proprjeta' ta' Cremona minn mal-passaġġ, u meta l-abbli difensur tal-imputat fil-kontro-eżami jagħmel riferenzi kontinwi għall-fatt li l-ħajt kien proprjeta' tal-imputat, Sultana ma jmerih fl-ebda okkażjoni.[8] L-istess jingħad għal Maria Sultana.[9]

Fid-dawl tal-insenjament ġuridiku li għada kemm saret riferenza għalih, mill-atti ma tirriżulta ebda prova li l-koppja Sultana ġiet imċaħħda minn xi tgawdija ta' dritt li kellha bl-għemil tal-imputat.

Ikkunsidrat ukoll:

L-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom Cremona jimputawh bl-għemil kriminuż li twettaq *"fil-ġranet **ta' qabel is-6** t'Awissu, 2016".*

Madanakollu x-xhud Stephan Muscat hu kategoriku u jagħti data speċifika u determinata: *"il-kantuni tpoġġew mis-Sur Cremona **fis-sitta** (6) t'Awissu 2016".*[10] Imbagħad Saviour Sultana appena jixhed, mistoqsi dwar ir-raġuni li nbdew il-proċeduri u dak li wassal għalihom jagħti biss data li tmur lura għal Ġunju 2016.[11]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Raymond Xerri** il-Qorti kkunsidrat:[12]

> Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
>
> "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, <u>bil-partikularitajiet ta' zmien</u> u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......*"
>
> Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:
>
> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt intsab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda*

[8] Fol.205
[9] Fol.216-217
[10] Fol.87
[11] Fol.199
[12] Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, Deċiża 26 ta' Jannar 2017

*zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[13]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Għaldaqstant mill-provi jirriżulta li l-għemil tal-imputat Cremona twettaq f'data <u>wara</u> li għaddew il-parametri temporali tal-imputazzjonijiet addebitati, peress li l-imputazzjonijiet kif arġinati jeskludu l-jum tas-sitta (6) ta' Awwissu, 2016.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[13] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Maġistrati)